# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

### Laqgħa Nru. 40 (Is-Seba' Terminu)

Data: 27 ta' April, 2016

Hin: 7.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |
| | Sur Matthew Attard | - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Financial Statements 2015;
6. Attivitajiet – Jum L-Omm u Festa 2016;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Materja oħra;
9. Aġġornament.

## 1. Talba

**1.01** Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-39

**2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Memo 07/2016 – Rapporti Pubbliċi fuq www.lc.gov.mt

**4.02** Memo 08/2016 – VAT u Performance Guarantee

**4.03** Memo 09/2016 – Migrazzjoni sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (Electronic Public Procurement System – EPPS) www.etenders.gov.mt

**4.04** Memo 10/2016 – Aġenda, Minuti u Skedi ta' Pagamenti

**4.05** Memo 11/2016 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal

**4.06** L-Awtorita tal-Ippjanar infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar is-sistema ġdida online fejn delegati tal-Kunsill jingħataw aċċess għal din is-sistema. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għandhom ikunu d-delegati tal-Kunsill.

**4.07** L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir nhar il-Ġimgħa u s-Sibt 6 u 7 ta' Mejju.

**4.08** Star Line Creations Production Media infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu qed jagħmlu programmi dwar il-festi ta' Għawdex fejn jippromwovu dak kollu li toffri l-lokalita. Il-Kunsill qabel li jekk ma hemmx spejjeż involuti nieħdu sehem f'dan il-programm. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jagħmel il-kuntatti meħtieġa dwar dan.

**4.09** Eva Krammer infurmat lill-Kunsill li t-tabella (isem tat-triq) li kien hemm fi Sqaq il-Knisja m'għadhix hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-fatt it-tabella kienet imwaħla ma' kanna u kien hemm ukoll tabella oħra li tindika li t-triq ma tinfed għall-imkien u ma baqa' xejn minnhom. Jidher li hawn xi persuna jew persuni irresponsabbli u qed jabbużaw u jaqilgħu dawn it-tabelli x'aktarx biex jieħdu l-kanni. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nordnaw dawn iż-żewġ sinjali u jitwaħlu mal-ħajt flokk ma' kanna.

**4.10** Stephen Mallia minn LESA (l-Aġenzija dwar is-Sistema tal-Infurzar tal-liġi) se jiltaqa' mal-Kunsill nhar il-Ġimgħa biex jibdew jittieħdu passi ta' infurzar fejn ikun meħtieġ. Is-Sindku ippropona li għandu isir infurzar fl-inħawi ta' Wied L-Għasri biex jinqata' l-abbuż ta' rimi ta' skart. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu isir infurzar dwar hruġ ta' skart fi ġranet meta ma jkunx hemm dan is-servizz bħal nhar ta' Tlieta, Ħamis u l-Ħadd. Dan qed jiġri l-aktar fl-inħawi ta' Triq San Publiju u Triq Fanal.

## 5. Financial Statements 2015 - Audited

**5.01** Il-Kunsill iddiskuta l-Financial Statements 2015 kif aġġustati mill-Awditur. Fil-fatt il-Kunsill qabel mal-aġġustamenti indikati mill-Awditur. Il-Financial Statements 2015 ġew approvati unanimament.

## 6. Attivitajiet – Jum L-Omm u Festa 2016

**6.01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li diversi residenti talbuh sabiex fl-okkażjoni ta' Jum L-Omm tiġi organizzata ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din l-attivita tkun simili għal dik li organizzajna fi żmien il-Karnival u għalhekk l-ispejjeż involuti m'għandhomx ikunu ta' aktar minn €400. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-avviżi dwar din l-attivita. Is-Sindku ippropona ukoll li din l-attivita issir flimkien mal-Kumitat tal-Festa u b'hekk jgħinuna fl-organizzazjoni tal-istess attivita. Il-Kunsill qabel li din l-attivita issir nhar is-Sibt 7 ta' Mejju.

**6.02** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet fi żmien il-Festa organizzati mill-Kunsill. Kif sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw il-Logħob għal kull eta' u anke t-tiġrijiet taż-żwiemel. Il-Logħob ser isiru nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju filwaqt li t-tiġrijiet taż-żwiemel isiru nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi u jibdew il-preparamenti neċessarji biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru. Il-Kunsill qabel ukoll li kif sar is-sena l-oħra t-tiġrijiet taż-żwiemel jiġu organizzati flimkien mal-Kumitat tal-Festa. Is-Sindku ippropona ukoll sabiex din is-sena l-Kunsill jgħin f'attivitajiet oħra tal-Festa biex b'hekk inkabbru l-kalendarju kulturali u tradizzjonali fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkordina mal-Kumitat tal-Festa biex fejn nisgħu ngħinu mill-aħjar.

**6.03** Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-Fondazzjoni Valletta 2018 qed torganizza ħarġa lill-anzjani għal Valletta Green Festival 2016 li ser isir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu l-avviżi sabiex dawk interessati jattendu għal din l-attivita. Il-Fondazzjoni Valletta 2018 ser tkun qed tħallas l-ispejjeż kollha involuti għal 20 persuna anzjani.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-040 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 8. Materja oħra

**8.01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħat mal-Perit tal-Kunsill u anke mal-Awtorita tal-Ippjanar dwar kostruzzjoni ta' post ta' rikreazzjoni fil-lokalita tagħna fl-inħawi ta'

Triq il-Ġonna. Il-Perit diġa ipprepara pjanti sabiex aktar ‘l quddiem inkunu nistgħu napplikaw għall-permess.

**8.02** Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona sabiex isiru double yellow lines fi Pjazza s-Salvatur fil-parti fejn hemm il-passaġġ li mill-iskola Laura Vicuna iwassal għal Triq il-Fanal. Huwa qal li qed ikollu ħafna ilmenti minn għand ġenituri li uliedhom jattendu din l-iskola. Peress li qed jipparkjaw vetturi b’tali mod li jostakolaw il-passaġġ ħadd ma qed ikun jista’ jgħaddi. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn is-sinjali iż-żewġ naħat tal-passaġġ. B’hekk ma jipparkjawx vetturi quddiem il-passaġġ kemm in-naħa ta’ Triq il-Fanal kif ukoll in-naħa tal-iskola.

**8.03** Joe Cauchi ta’ Triq it-Tamar ippropona lill-Kunsill sabiex jeħlu bankijiet fi Triq il-Fanal fejn kien hemm il-Bring in Sites. Il-Kunsill ma’ qabilx li għandhom jeħlu bankijiet f’dawn l-inħawi.

**8.04** Anthony Cassar ta’ Triq il-Knisja talab sabiex isir ftit siment fir-rampa tiegħu peress li meta tintrifes mill-vetturi qed titkisser u saret perikoluża. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**8.05** Paul Tabone ta’ Triq il-Knisja talab sabiex isir ftit patching bil-cold asphalt fuq ir-rampa tiegħu peress li meta tintrifes mill-vetturi qed titkisser u saret perikoluża. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ meta ikun qed isir il-patching.

**8.06** Rose Sultana ta’ Triq il-Knisja talbet sabiex teħel tabella li tindika direzzjonijiet lejn Iż-Żebbuġ, San Lawrenz, L-Għarb, Ta’ Pinu, Ta’ Dbieġi u Id-Dwejra Azure Window. Peress din it-tabella trid teħel quddiem proprjeta ta’ residenti oħra u din it-tabella trid tkun ta’ daqs konsiderevoli peress li hemm ħafna postijiet imsemmija, il-Kunsill qabel li l-ewwel għandu jkun hemm kunsens mir-residenti involuti u wara jekk kulħadd ikun kuntent tkun tista’ tiġi ordnata.

**8.07** Peter Portelli ta’ Triq il-Fenek talab sabiex issir Bus Stop ġdida fi Triq Għammar qrib Triq il-Fenek. F’din il-parti tat-triq hemm diversi residenti li jużaw il-karozza tal-linja u fil-preżent għandhom ‘l bogħod għall-eqreb Bus Stop. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Transport Malta sabiex jappruvaw li jssir din il-Bus Stop.

**8.08** Louise Xerri ta’ Triq il-Knisja ilmentat li quddiem il-post tagħha qed iżomm l-ilma tax-xita. Hija ilmentat ukoll li anke meta jintefa’ ilma fit-triq ‘l fuq minn tagħha, għal xi raġuni quddiem tagħha iżżom għadira ilma. Il-Kunsill qabel li meta jkun qed isir il-patching naraw jekk din il-problema tistgħax tissolva billi jsir ftit patching. F’każ li l-problema ma tissolvix is-Sindku għandu jmur fuq il-post biex jara x’jista’ jsir.

**8.09** Jane Grech ta’ Triq il-Wilġa talbet sabiex il-bankina tagħha issir mill-ġdid peress li hija miksura u perikoluża. Il-Kunsill qabel li nordnaw li jsir ix-xogħol meħtieġ għand Anton Mintoff.

**8.10** Salvu Vella f’isem il-Kumitat tal-Festa talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex it-toqob tal-arbli tal-Festa li hemm fil-pjazza jitwessgħu peress li issa se jintużaw arbli akbar. Huwa talab ukoll sabiex isiru xi toqob għall-arbli ġodda fi Triq Dun Karm Caruana, Triq il-Wilġa u Triq l-Għasri. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru l-covers għall-istess toqob u b’hekk ma jkunux perikolużi.

## 9. Aġġornament.

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2016 fis-7.00pm.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 27 ta' April, 2016